

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2191**tat-8 ta' Novembru 2022****dwar l-istandards armonizzati għat-tagħmir tar-radju abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, it-tagħmir tar-radju li jkun f'konformità mal-istandards armonizzati jew partijiet minnhom, li r-referenzi għalihom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, irid ikun preżunt li hu f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva, koperti minn daww l-istandards armonizzati jew minn partijiet minnhom.
- (2) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 5376 ⁽³⁾, il-Kummissjoni talbet lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI) għall-abbozzar u għar-reviżjoni tal-istandards armonizzati għat-tagħmir tar-radju b'appoġġ għad-Direttiva 2014/53/UE ("it-talba").
- (3) Abbażi tat-talba, l-ETSI abbozza l-istandards armonizzati EN 303 347-2 V2.1.1, EN 301 489-12 V3.2.1, EN 301 489-20 V2.2.1, EN 301 489-52 V1.2.1, EN 303 347-1 V2.1.1, EN 303 347-3 V2.1.1, EN 303 363-1 V1.1.1, EN 303 213-5-2 V1.1.1 u EN 300 674-2-1 V3.1.1.
- (4) Abbażi tat-talba, l-ETSI rreveda l-istandards armonizzati EN 300 422-1 V2.1.2, EN 300 422-2 V2.1.1, EN 300 422-3 V2.1.1 u EN 301 908-10 V4.2.2, li r-referenzi għalihom huma ppubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* permezz tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2018/C326/04 ⁽⁴⁾. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandards armonizzati EN 300 422-1 V2.2.1 u EN 301 908-10 V4.3.1. L-ETSI rreveda wkoll l-istandards armonizzati EN 301 025 V2.2.1, EN 303 345-2 V1.1.1, EN 303 345-5 V1.1.1 u EN 301 908-13

⁽¹⁾ ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

⁽²⁾ Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 5376 tal-4 ta' Awwissu 2015 dwar talba għal standardizzazzjoni lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni rigward it-tagħmir tar-radju biex tappoġġja d-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

⁽⁴⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali tat-telekomunikazzjoni u r-rikonossiment reċiproku tal-konformità tagħhom u d-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni) (ĠU C 326, 14.9.2018, p. 114).

V13.1.1, li r-referenzi għalihom huma ppubblikati fis-serje L ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/167 ⁽⁵⁾. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandards armonizzati EN 301 025 V2.3.1, EN 303 345-2 V1.2.1, EN 303 345-5 V1.2.1 u EN 301 908-13 V13.2.1.

- (5) Il-Kummissjoni, flimkien mal-ETSI, ivvalutat jekk dawk l-istandards armonizzati jikkonformawx mat-talba.
- (6) L-istandards armonizzati EN 300 422-1 V2.2.1, EN 301 025 V2.3.1, EN 301 908-10 V4.3.1, EN 303 347-1 V2.1.1, EN 303 347-2 V2.1.1, EN 303 347-3 V2.1.1, EN 303 363-1 V1.1.1, EN 300 674-2-1 V3.1.1 u EN 303 213-5-2 V1.1.1 jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali li għandhom l-għan li jkopru u li huma stabbiliti fid-Direttiva 2014/53/UE. Għalhekk, jixraq li r-referenzi ta' dawk l-istandards jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (7) L-istandards armonizzati EN 301 489-12 V3.2.1, EN 301 489-20 V2.2.1, u EN 301 489-52 V1.2.1 jinkludu tolleranzi għall-konfigurazzjoni. Dan l-element imur lil hinn mill-iskop ta' standard armonizzat b'appoġġ għall-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, minħabba l-fatt li jirregola aspetti konkreti tat-tagħmir tal-ittestjar minflok ma jiffoka fuq ir-riżultati. Ir-referenzi ta' dawk l-istandards armonizzati għalhekk jenħtieġ li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* b'restrizzjoni.
- (8) L-istandard armonizzat EN 301 908-13 V13.2.1 jinkludi, fil-klawżola 4.2.2 tiegħu, tolleranzi għall-kejl tal-potenza massima. Taħt ċerti ċirkostanzi, tista' tiġi aċċettata tolleranza limitata għal tali kejl, kif speċifikat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/267/UE ⁽⁶⁾. Dik id-Deċiżjoni tillimita t-tolleranza għal +2 dB, li hija aktar baxxa mill-valuri stabbiliti fil-klawżola 4.2.2 ta' dak l-istandard armonizzat. Valuri akbar ta' tolleranzi jistgħu jwasslu għall-produzzjoni ta' interferenzi li jagħmlu l-ħsara. Għalhekk, jenħtieġ li r-referenza ta' dak l-istandard armonizzat tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* b'restrizzjoni.
- (9) L-istandards armonizzati EN 303 345-2 V1.2.1, u EN 303 345-5 V1.2.1 jippermettu lill-manifattur jiddetermina li ċerti testijiet mhumiex meħtieġa, fir-rigward tal-emissjonijiet mhux mixtieqa fid-dominju mhux awtentiku. Minħabba din id-diskrezzjoni, ma jistax jiġi żgurat li l-valuri stabbiliti fl-istandards armonizzati EN 303 345-2 V1.2.1, EN 303 345-3 V1.1.1, EN 303 345-4 V1.1.1 u EN 303 345-5 V1.2.1 inkisbu. Ir-referenzi ta' dawk l-istandards armonizzati għalhekk jenħtieġ li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* b'restrizzjoni.
- (10) L-istandards armonizzati EN 303 345-3 V1.1.1 u EN 303 345-4 V1.1.1, ippubblikati skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/167, jinkludu l-istess elementi indikati fil-premessa preċedenti. Ir-referenzi ta' dawk l-istandards armonizzati għalhekk jenħtieġ li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* b'restrizzjoni.
- (11) Għalhekk, ir-referenzi tal-istandards armonizzati EN 300 422-1 V2.1.2, EN 300 422-2 V2.1.1, EN 300 422-3 V2.1.1, EN 301 908-10 V4.2.2, EN 301 025 V2.2.1, EN 303 345-2 V1.1.1, EN 303 345-5 V1.1.1 u EN 301 908-13 V13.1.1 jeħtieġ jiġu rtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (12) L-istandards armonizzati EN 303 413 V1.2.1, EN 303 372-1 V1.2.1 u EN 303 372-2 V1.2.1, li r-referenzi għalihom diġà ġew ippubblikati fis-serje L ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/167, huma, rispettivament, il-verżjonijiet il-ġodda tal-istandards armonizzati EN 303 413 V1.1.1, EN 303 372-1 V1.1.1 u EN 303 372-2 V1.1.1, li r-referenzi għalihom diġà ġew ippubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* permezz tal-Komunikazzjoni 2018/C326/04. Għalhekk, ir-referenzi tal-istandards armonizzati EN 303 413 V1.1.1, EN 303 372-1 V1.1.1 u EN 303 372-2 V1.1.1, jeħtieġ jiġu rtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/167 tal-5 ta' Frar 2020 dwar l-istandards armonizzati għat-tagħmir tar-radju abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 34, 6.2.2020, p. 46).

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/267/UE tas-6 ta' Mejju 2010 dwar il-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati għall-medda ta' frekwenzi 790-862 MHz għas-sistemi terrestri li huma kapaċi jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 117, 11.5.2010, p. 95).

- (13) Sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw it-tagħmir tar-radju tagħhom li huwa kopert minn kwalunkwe wieħed mill-istandards armonizzati EN 300 422-1 V2.1.2, EN 300 422-2 V2.1.1, EN 300 422-3 V2.1.1, EN 301 908-10 V4.2.2, EN 301 025 V2.2.1, EN 303 345-2 V1.1.1, EN 303 345-5 V1.1.1 u EN 301 908-13 V13.1.1, EN 303 413 V1.1.1, EN 303 372-1 V1.1.1 u EN 303 372-2 V1.1.1, l-irtirar tar-referenzi ta' daww l-istandards armonizzati jeħtieġ jiġi differit.
- (14) L-istandards armonizzati EN 301 908-14 V13.1.1, EN 301 908-15 V11.1.2 u EN 301 908-18 V13.1.1 ġew irtirati mill-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/167, li jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati li jagħtu preżunzjoni tal-konformità mad-Direttiva 2014/53/UE. Għalkemm ir-referenzi ta' daww l-istandards ġew irtirati mis-serje L ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, il-perjodu ta' tranżizzjoni għal daww ir-referenzi ġie inkluż fl-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/167. Dak l-Anness jelenka, madankollu, ir-referenzi tal-istandards li ġew irtirati mis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, jeħtieġ tiddaħħal b'mod espliċitu d-data tal-irtirar tar-referenzi għal daww l-istandards armonizzati fis-serje L ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (15) Fl-interessi taċ-ċarezza u tar-razzjonalità, jenħtieġ li tiġi ppubblikata lista sħiħa tar-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/53/UE u li jissodisfaw ir-rekwiżiti li għandhom l-għan li jkopru f'att uniku, inkluż kwalunkwe limitazzjoni stabbilita għal kwalunkwe wieħed minn daww l-istandards armonizzati. Ir-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għal dik id-Direttiva huma ppubblikati attwalment bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/167 u permezz tal-Komunikazzjoni 2018/C326/04.
- (16) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/167 ġiet emendata b'mod sostanzjali kemm-il darba. Fl-interess taċ-ċarezza u tar-razzjonalità, u peress li jeħtieġ isiru aktar emendi għal dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, jenħtieġ li dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiġi sostitwita.
- (17) Ħafna mir-referenzi tal-istandards armonizzati ppubblikati bil-Komunikazzjoni 2018/C326/04 ġew irtirati permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1202 ⁽⁷⁾. Fl-interess taċ-ċarezza u tar-razzjonalità, jenħtieġ li l-Komunikazzjoni 2018/C326/04 titħassar. Sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw il-prodotti tagħhom għall-verżjonijiet riveduti tal-istandards ikkonċernati, jenħtieġ li l-Komunikazzjoni 2018/C326/04 tkompli tapplika sad-dati tal-irtirar tar-referenzi tal-istandards armonizzati kkonċernati u ppubblikati b'dik il-Komunikazzjoni.
- (18) Il-konformità ma' standard armonizzat tagħti preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza tat-tali standard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ b'urġenza,

ADOOTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-referenzi għall-istandards armonizzati għat-tagħmir tar-radju abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/53/UE, elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni, huma b'dan ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, soġġett għal kwalunkwe limitazzjoni stabbilita f'dak l-Anness għal kwalunkwe wieħed minn daww l-istandards armonizzati.

Ir-referenzi tal-istandards armonizzati għat-tagħmir tar-radju abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/53/UE, elenkati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, huma b'dan ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Daww ir-referenzi għandhom jitqiesu li ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għall-perjodi stabbiliti f'dak l-Anness.

⁽⁷⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1202 tat-12 ta' Lulju 2019 dwar l-istandards armonizzati għal tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'atmosfera potenzjalment espulżivi mfassla b'sostenn għad-Direttiva 2014/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 189, 15.7.2019, p. 71).

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/167 titħassar.

Artikolu 3

Il-Komunikazzjoni 2018/C326/04 titħassar.

Madankollu, għandha tkompli tapplika għar-referenzi tal-istandards armonizzati elenkati fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni sad-dati tal-irtirar ta' dawk ir-referenzi stabbiliti f'dak l-Anness. Kull waħda minn dawk ir-referenzi tiġi rtirata mid-data stabbilita f'dak l-Anness għal dik ir-referenza.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

Nru	Referenza tal-istandard
1.	EN 50360:2017 Standard ta' prodott biex juri l-konformità ta' apparati tal-komunikazzjoni mingħajr fili, bir-restrizzjonijiet bażiċi u l-valuri ta' limitu ta' esponiment relatati mal-esponiment tal-bniedem għall-kampi elettromanjetiċi fil-medda ta' frekwenzi minn 300 MHz sa 6 GHz: apparati użati ħdejn il-widna
2.	EN 50385:2017 Standard ta' prodott biex juri l-konformità tat-tagħmir tal-istazzjon bażi mal-limiti ta' esponiment għall-frekwenza tar-radju fil-kampi elettromanjetiċi (110 MHz - 100 GHz), meta jiġi introdott fis-suq
3.	EN 50401:2017 Standard ta' prodott biex juri l-konformità tat-tagħmir tal-istazzjon bażi mal-limiti ta' esponiment għall-frekwenza tar-radju fil-kampi elettromanjetiċi (110 MHz - 100 GHz), meta jitqiegħed fis-servizz
4.	EN 50566:2017 Standard ta' prodott biex juri l-konformità ta' apparati tal-komunikazzjoni mingħajr fili mar-restrizzjonijiet bażiċi u l-valuri ta' limitu ta' esponiment relatati mal-esponiment tal-bniedem għall-kampi elettromanjetiċi fil-medda ta' frekwenzi minn 30 MHz sa 6 GHz: tagħmir li jinżamm fl-idejn u mmuntat fuq il-ġisem qrib il-ġisem tal-bniedem
5.	EN 55035:2017 Kompatibbiltà elettromanjetika tat-tagħmir multimedjali - Rekwiżiti tal-immunità CISPR 35:2016 (Modifikat)
6.	EN 300 065 V2.1.2 Tagħmir telegrafiku li jistampa direttament fuq banda dejqa biex tiġi riċevuta informazzjoni meteoroloġika marbuta man-navigazzjoni (NAVTEX); Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikoli 3(2) u 3(3)(g) tad-Direttiva 2014/53/UE
7.	EN 300 086 V2.1.2 Servizz Mobbli fuq l-Art; Tagħmir tar-radju b'konnettur RF intern jew estern maħsub primarjament għal diskors analogu; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
8.	EN 300 113 V2.2.1 Servizz Mobbli fuq l-Art; Tagħmir tar-radju maħsub għat-trażmissjoni tad-data (u/jew diskors) bl-użu ta' modulazzjoni f'involukru kostanti jew mhux kostanti u li jkollu konnettur tal-antenna; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
9.	EN 300 219 V2.1.1 Servizz Mobbli fuq l-Art; Sinjali li jiġu trażmessi permezz ta' tagħmir tar-radju biex jattiva tweġiba speċifika fir-riċevitur; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
10.	EN 300 220-2 V3.1.1 Apparati ta' Medda Qasira (SRD) li joperaw fil-medda ta' frekwenzi minn 25 MHz sa 1 000 MHz; Parti 2: Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE għal tagħmir tar-radju mhux speċifiku

11.	EN 300 220-3-1 V2.1.1 Apparati ta' Medda Qasira (SRD) li joperaw fil-medda ta' frekwenzi minn 25 MHz sa 1 000 MHz; Parti 3-1: Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE; Tagħmir ta' affidabbiltà għolja b'ċiklu tat-tħaddim baxx, tagħmir ta' soċjali personali li joperaw fuq frekwenzi deżinjati (869,200 MHz sa 869,250 MHz)
12.	EN 300 220-3-2 V1.1.1 Apparati ta' Medda Qasira (SRD) li joperaw fil-medda ta' frekwenzi minn 25 MHz sa 1 000 MHz; Parti 3-2: Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE; Allarmi mingħajr fili li joperaw fuq baned ta' frekwenzi LDC/HR deżinjati 868,60 MHz sa 868,70 MHz, 869,25 MHz sa 869,40 MHz, 869,65 MHz sa 869,70 MHz
13.	EN 300 220-4 V1.1.1 Apparati ta' Medda Qasira (SRD) li joperaw fil-medda ta' frekwenzi minn 25 MHz sa 1 000 MHz; Parti 4: Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE; Apparati tal-kejl li joperaw fil-banda deżinjata minn 169,400 MHz sa 169,475 MHz
14.	EN 300 224 V2.1.1 Servizz Mobbli fuq l-Art; Tagħmir tar-Radju għall-użu f'Servizz tal-Paging li jopera fil-medda ta' frekwenzi minn 25 MHz sa 470 MHz; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
15.	EN 300 296 V2.1.1 Servizz Mobbli fuq l-Art; Tagħmir tar-radju li juża antenni integrali maħsuba primarjament għal diskors analogu; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
16.	EN 300 328 V2.2.2 Sistemi tat-trażmissjoni fuq baned wesgħin; Tagħmir għat-trażmissjoni tad-<i>data</i> li jopera fil-banda ta' 2,4 GHz; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju
17.	EN 300 330 V2.1.1 Apparati ta' Medda Qasira (SRD); Tagħmir tar-radju fil-medda ta' frekwenzi minn 9 kHz sa 25 MHz u sistemi b'ingassa induttiva fil-medda ta' frekwenzi minn 9 kHz sa 30 MHz; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
18.	EN 300 341 V2.1.1 Servizz Mobbli fuq l-Art; Tagħmir tar-radju li juża sinjali li jiġu trażmessi permezz ta' antenni integrali biex jattiva twegħiba speċifika fir-riċevitur; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
19.	EN 300 390 V2.1.1 Servizz Mobbli fuq l-Art; Tagħmir tar-radju maħsub għat-trażmissjoni tad-<i>data</i> (u d-diskors) u bl-użu ta' antenna integrali; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
20.	EN 300 422-1 V2.2.1 Mikrofoni Mingħajr Fili; Awdjo tal-PMSE sa 3 GHz; Parti 1: Tagħmir tal-Awdjo tal-PMSE sa 3 GHz; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju tonntreoraí mar aon le fad iosta 20 oiread an tonnfhaid scoite le haghaidh tonntreoraí sa mhód oibríochtúil sin.

21.	EN 300 422-4 V2.1.1 Mikrofoni Mingħajr Fili; Awdjo tal-PMSE sa 3 GHz; Parti 4: Apparati ta' Assistenza għas-Smigħ li jinkludu amplifikaturi tal-ħoss personali u sistemi induttivi sa 3 GHz; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
22.	EN 300 433 V2.1.1 Tagħmir tar-radju ta' Frekwenza taċ-Ċittadin (CB); Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
23.	EN 300 440 V2.1.1 Apparati ta' Medda Qasira (SRD); Tagħmir tar-radju għall-użu fil-medda ta' frekwenzi minn 1 GHz sa 40 GHz; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE Avviż: Dan l-istandard armonizzat ma jindirizzax ir-rekwiżiti relatati mal-parametri tal-prestazzjoni tar-riċevitur u ma jagħtix preżunzjoni tal-konformità fir-rigward ta' daww il-parametri għall-kategoriji tar-riċevitur 2 u 3 kif definiti fit-Tabella 5 tal-istess standard.
24.	EN 300 454-2 V1.1.1 Kompatibbiltà elettromanjetika u Materji tal-Ispettru tar-Radju (ERM); Konnessjonijiet awdjo ta' banda wiesgħa; Parti 2: EN armonizzat skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva R&TTE Avviż: Dan l-istandard armonizzat ma jindirizzax ir-rekwiżiti relatati mal-parametri tal-prestazzjoni tar-riċevitur, u ma jagħtix preżunzjoni tal-konformità fir-rigward ta' daww il-parametri.
25.	EN 300 487 V2.1.2 Stazzjonijiet u Sistemi Terrestri Satellitari (SES); Standard Armonizzat għal Stazzjonijiet Mobbli Terrestri li Jirċievu Biss (ROMES) li jipprovdu komunikazzjonijiet tad-data li joperaw fil-banda ta' frekwenzi ta' 1,5 GHz; Speċifikazzjonijiet ta' Frekwenza tar-Radju (RF) li jkopru r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
26.	EN 300 674-2-1 V3.1.1 Telematika tat-Trasport u tat-Traffiku (TTT); Tagħmir għat-trażmissjoni ta' Komunikazzjoni Dedicata fuq Medda Qasira (DSRC) (500 kbit/s/250 kbit/s) li jopera fil-banda ta' frekwenza minn 5 795 MHz sa 5 815 MHz; Parti 2: Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju; Subparti 1: Unitajiet mal-Ġenb tat-Triq (RSU)
27.	EN 300 674-2-2 V2.2.1 Telematika tat-Trasport u tat-Traffiku (TTT); Tagħmir għat-trażmissjoni ta' Komunikazzjoni Dedicata fuq Medda Qasira (DSRC) (500 kbit/s/250 kbit/s) li jopera fil-banda ta' frekwenza minn 5 795 MHz sa 5 815 MHz; Parti 2: Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju; Subparti 2: Unità Abbord (OBU)
28.	EN 300 676-2 V2.1.1 Trażmettituri, riċevituri u transriċevituri VHF tar-radju li jinżammu fl-id, li huma mobbli u fissi bbażati fuq l-art għas-servizz VHF mobbli ajrunawtiku li juża modulazzjoni amplifikata; Parti 2: Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
29.	EN 300 698 V2.3.1 Trażmettituri u riċevituri tar-radjutelefonija għas-servizz mobbli marittimu li jopera fil-frekwenzi VHF użati fil-passaġġi fuq l-ilma interni; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju u għall-karatteristiċi għas-servizzi ta' emerġenza Avviż: Il-konformità ma' dan l-istandard armonizzat ma tagħtix preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit essenzjali stabbilit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE jekk, fil-klawżola 8.2.3 ta' dan l-istandard armonizzat, tiġi applikata s-sentenza "Bl-iswiċċ tal-potenza tal-output iffissat għall-massimu, il-potenza tat-trasportatur għandha tkun fi hdn ± 1,5 dB tal-potenza nominali tal-output taħt kundizzjonijiet normali tat-test".

30.	EN 300 718-1 V2.2.1 Beacons fil-Valangi li joperaw f'457 kHz; Sistemi ta' trażmettitur-riċevitur; Parti 1: Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju Avviż 1: Il-konformità ma' dan l-istandard armonizzat ma għandhiex tagħti preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit essenzjali stabbilit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE jekk tiġi applikata l-aħħar sentenza tal-klawżola 5.1.3.1 ta' dan l-istandard. Avviż 2: Dan l-istandard armonizzat ma jagħtix preżunzjoni ta' konformità fir-rigward ta' rifjut ta' rispons mhux awtentiku.
31.	EN 300 718-2 V1.1.1 Kompatibbiltà elettromanjetika u Materji tal-Ispettru tar-Radju (ERM); Beacons fil-Valangi; Sistemi ta' trażmettitur-riċevitur; Parti 2: EN Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva R&TTE Avviż: Dan l-istandard armonizzat ma jindirizzax ir-rekwiżiti relatati mal-parametri tal-prestazzjoni tar-riċevitur, u ma jagħtix preżunzjoni tal-konformità fir-rigward ta' dawk il-parametri.
32.	EN 300 718-2 V2.1.1 Beacons fil-Valangi li joperaw f'457 kHz; Sistemi ta' trażmettitur-riċevitur; Parti 2: Standard Armonizzat għall-karatteristiċi għas-servizzi ta' emerġenza
33.	EN 300 720 V2.1.1 Sistemi u tagħmir ta' komunikazzjoni abbord il-bastimenti li joperaw fuq Frekwenza Ultragħolja (UHF); Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
34.	EN 301 025 V2.3.1 Tagħmir tar-radjotelefonija VHF għal komunikazzjonijiet ġenerali u tagħmir assoċjat għal Sejħiet Selettivi Diġitali (DSC) tal-klassi "D"; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju u għall-karatteristiċi għas-servizzi ta' emerġenza
35.	EN 301 091-2 V1.3.2 Kompatibbiltà elettromanjetika u Materji tal-Ispettru tar-Radju (ERM); Apparati ta' Medda Qasira; Telematika tat-Trasport bit-Triq u tat-Traffiku (RTTT); Tagħmir tar-radar li jopera fil-medda minn 76 GHz sa 77 GHz; Parti 2: EN Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva R&TTE Avviż: Dan l-istandard armonizzat ma jindirizzax ir-rekwiżiti relatati mal-parametri tal-prestazzjoni tar-riċevitur, u ma jagħtix preżunzjoni tal-konformità fir-rigward ta' dawk il-parametri.
36.	EN 301 166 V2.1.1 Servizz Mobbli fuq l-Art; Tagħmir tar-radju għall-komunikazzjoni analoga u/jew diġitali (diskors u/jew data) u li jopera fuq kanali ta' banda dejqa u li jkollu konnettur tal-antenna; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
37.	EN 301 178 V2.2.2 Tagħmir tar-radjotelefonija portabbli ta' Frekwenza Għolja Ħafna (VHF) għas-servizz mobbli marittimu li jopera fuq baned VHF (għal applikazzjonijiet mhux GMDSS biss); Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
38.	EN 301 357 V2.1.1 Apparati awdjo mingħajr fili fil-medda minn 25 MHz sa 2 000 MHz; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE

39.	EN 301 360 V2.1.1 Stazzjonijiet u Sistemi Terrestri Satellitari (SES); Standard Armonizzat għal Terminals Interattivi tas-Satelliti (SIT) u Terminals li Jużaw is-Satelliti (SUT) li jittrażmettu lejn satelliti f'orbiti ġeostazzjonarji, li joperaw fil-baned ta' frekwenzi minn 27,5 GHz sa 29,5 GHz li jkopru r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
40.	EN 301 406 V2.2.2 Telekomunikazzjonijiet Diġitali Mingħajr Fili Mtejbni (DECT); Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
41.	EN 301 426 V2.1.2 Stazzjonijiet u Sistemi Terrestri Satellitari (SES); Standard Armonizzat għal Stazzjonijiet Terrestri Mobbli tas-satellita li għandhom rata ta' data baxxa fuq l-Art (LMES) u Stazzjonijiet Terrestri Mobbli Marittimi (MMES) tas-satellita mhux maħsuba għal komunikazzjonijiet ta' periklu u sigurtà li joperaw fil-baned ta' frekwenzi ta' 1,5 GHz/1,6 GHz u li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
42.	EN 301 427 V2.1.1 Stazzjonijiet u Sistemi Terrestri Satellitari (SES); Standard Armonizzat għal Stazzjonijiet Terrestri Mobbli (MES) bis-satellita li għandhom rata ta' data baxxa, minbarra stazzjonijiet terrestri bis-satellita ajrunawtiċi mobbli, li joperaw fil-baned ta' frekwenzi 11/12/14 GHz li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
43.	EN 301 428 V2.1.2 Stazzjonijiet u Sistemi Terrestri Satellitari (SES); Standard Armonizzat għal Terminal b'Apertura Żgħira Ħafna (VSAT); Stazzjonijiet terrestri bis-satellita li jittrażmettu biss, jittrażmettu/jirċievu jew jirċievu biss li joperaw fil-baned ta' frekwenzi 11/12/14 GHz li jkopru r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
44.	EN 301 430 V2.1.1 Stazzjonijiet u Sistemi Terrestri Satellitari (SES); Standard Armonizzat għal Stazzjonijiet Terrestri Trasportabbli li Jiġbru l-Aħbarijiet bis-Satellita (SNG TES) li joperaw fil-baned ta' frekwenzi minn 11 GHz sa 12 GHz/13 GHz sa 14 GHz li jkopri r-rekwiżiti essenzjali skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
45.	EN 301 441 V2.1.1 Stazzjonijiet u Sistemi Terrestri Satellitari (SES); Standard Armonizzat għal Stazzjonijiet Terrestri Mobbli (MES), inklużi stazzjonijiet terrestri li jinżammu fl-idejn, għal Networks tal-Komunikazzjoni Personali bis-Satellita (S-PCN) li joperaw fil-banda ta' frekwenzi ta' 1,6 GHz/2,4 GHz taħt is-Servizz Mobbli permezz tas-Satellita (MSS) li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
46.	EN 301 442 V2.1.1 Stazzjonijiet u Sistemi Terrestri Satellitari (SES); Standard Armonizzat għal Stazzjonijiet Terrestri Mobbli (MES) NGSO li jinkludu stazzjonijiet terrestri li jinżammu fl-idejn, għal Networks tal-Komunikazzjoni Personali bis-Satellita (S-PCN) li joperaw fil-baned ta' frekwenzi minn 1 980 MHz sa 2 010 MHz (mid-dinja sal-ispazju) u 2 170 MHz sa 2 200 MHz (mill-ispazju sad-dinja) taħt is-Servizz Mobbli permezz tas-Satellita (MSS) li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
47.	EN 301 443 V2.1.1 Stazzjonijiet u Sistemi Terrestri Satellitari (SES); Standard Armonizzat għal Terminal b'Apertura Żgħira Ħafna (VSAT); Stazzjonijiet terrestri tas-satellita li jittrażmettu biss, jittrażmettu u jirċievu u jirċievu biss li joperaw fil-baned ta' frekwenzi ta' 4 GHz u 6 GHz li jkopru r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE

48.	EN 301 444 V2.2.1 Stazzjonijiet u Sistemi Terrestri Satellitari (SES); Stazzjonijiet Terrestri Mobbli tal-Art (LMES) u Stazzjonijiet Terrestri Mobbli Marittimi (MMES) li jipprovdu komunikazzjoni bil-vuċi u/jew tad-<i>data</i>, li joperaw fil-baned ta' frekwenzi ta' 1,5 GHz u ta' 1,6 GHz; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju Avviż: Il-konformità ma' dan l-istandard armonizzat ma għandhiex tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżit essenzjali stabbilit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE jekk jiġi applikat kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin: (a) it-tieni paragrafu tal-klawżola 5.2.1 ta' dan l-istandard; (b) il-klawżola 5.2.2.3.1 ta' dan l-istandard; (c) l-ewwel paragrafu tal-klawżola 5.2.3 ta' dan l-istandard; (d) l-ewwel paragrafu tal-klawżola 5.2.4 ta' dan l-istandard; (e) l-ewwel paragrafu tal-klawżola 5.2.5 ta' dan l-istandard.
49.	EN 301 447 V2.1.1 Stazzjonijiet u Sistemi Terrestri Satellitari (SES); Standard Armonizzat għal Stazzjonijiet Terrestri bis-satellita abbord Bastimenti (ESVs) li joperaw fuq il-baned ta' frekwenzi 4/6 GHz allokat għas-Servizz bis-Satellita Fiss (FSS) li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
50.	EN 301 459 V2.1.1 Stazzjonijiet u Sistemi Terrestri Satellitari (SES); Standard Armonizzat għal Terminals Interattivi tas-Satelliti (SIT) u Terminals li Jużaw is-Satelliti (SUT) li jittrażmettu lejn satelliti f'orbiti ġeostazzjonarji, li joperaw fil-baned ta' frekwenzi minn 29,5 GHz sa 30,0 GHz li jkopru r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
51.	EN 301 473 V2.1.2 Stazzjonijiet u Sistemi Terrestri Satellitari (SES); Standard armonizzat għal Stazzjonijiet Terrestri għall-Inġenji tal-Ajru (AES) li jipprovdu Servizz tas-Satellita Ajrunawtiku Mobbli (AMSS)/Servizz Mobbli permezz tas-Satellita (MSS) u/jew is-Servizz Ajrunawtiku Mobbli fuq Servizz ta' Rotot (AM(R)S)/Servizz ta' satellita mobbli (MSS), li joperaw f'banda ta' frekwenza taħt 3 GHz li jkopri r-rekwiżiti essenzjali skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
52.	EN 301 489-12 V3.2.1 Standard ta' Kompatibbiltà Elettromanjetika (EMC) għal tagħmir u servizzi tar-radju; Parti 12: Kundizzjonijiet speċifiċi għal Terminal ta' Apertura Żgħira Ħafna, Stazzjonijiet Terrestri Interattivi bis-Satellitari mħaddma fil-meded ta' frekwenzi bejn 4 GHz u 30GHz fis-Servizz Satellitari Fiss (FSS); Standard Armonizzat għall-Kompatibbiltà Elettromanjetika Avviż: Il-konformità ma' dan l-istandard armonizzat ma tagħtix preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit essenzjali stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (b), tad-Direttiva 2014/53/UE, jekk tiġi applikata kwalunkwe tolleranza għall-konfigurazzjoni stabbilita fl-ETSI EN 301 489-1 (V2.2.3) (11-2019), li f'dan l-istandard armonizzat hija kkwotata bħala referenza normattiva [1].
53.	EN 301 489-20 V2.2.1 Standard ta' Kompatibbiltà Elettromanjetika (EMC) għal tagħmir u servizzi tar-radju; Parti 20: Kundizzjonijiet speċifiċi għall-Istazzjonijiet Terrestri Mobbli (LMES) użati fis-Servizzi Mobbli permezz tas-Satellita (MSS); Standard Armonizzat għall-Kompatibbiltà Elettromanjetika Avviż: Il-konformità ma' dan l-istandard armonizzat ma tagħtix preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit essenzjali stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (b), tad-Direttiva 2014/53/UE, jekk tiġi applikata kwalunkwe tolleranza għall-konfigurazzjoni stabbilita fl-ETSI EN 301 489-1 (V2.2.3) (11-2019), li f'dan l-istandard armonizzat hija kkwotata bħala referenza normattiva [1].

54.	EN 301 489-52 V1.2.1 Standard ta' Kompatibbiltà Elettromanjetika (EMC) għal tagħmir u servizzi tar-radju; Parti 52: Kundizzjonijiet speċifiċi għat-tagħmir anċillari u tar-radju għat-Tagħmir għall-Utenti (UE) tal-Komunikazzjoni Ċellulari; Standard Armonizzat għall-Kompatibbiltà Elettromanjetika Avviż: Il-konformità ma' dan l-istandard armonizzat ma tagħtix preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit essenzjali stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (b), tad-Direttiva 2014/53/UE, jekk tiġi applikata kwalunkwe tolleranza għall-konfigurazzjoni stabbilita fl-ETSI EN 301 489-1 (V2.2.3) (11-2019), li f'dan l-istandard armonizzat hija kkwotata bħala referenza normattiva [1].
55.	EN 301 502 V12.5.2 Sistema Globali għall-komunikazzjonijiet Mobbli (GSM); Tagħmir ta' Stazzjon Bażi (BS); Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
56.	EN 301 511 V12.5.1 Sistema Globali għall-komunikazzjonijiet Mobbli (GSM); Tagħmir ta' Stazzjonijiet Mobbli (MS); Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
57.	EN 301 559 V2.1.1 Apparati ta' Medda Qasira (SRD); Impjantazzjonijiet Mediċi Attivi b'Potenza Baxxa (LP-AMI) u Periferali assoċjati (LP-AMI-P) li joperaw fil-medda ta' frekwenzi minn 2 483,5 MHz sa 2 500 MHz; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
58.	EN 301 598 V1.1.1 Apparati ta' Spazju Abjad (WSD); Sistemi ta' Aċċess Mingħajr Fili li joperaw fil-banda tax-xandir televiżiv minn 470 MHz sa 790 MHz; EN armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva R&TTE Avviż: Dan l-istandard armonizzat ma jindirizzax ir-rekwiżiti relatati mal-parametri tal-prestazzjoni tar-riċevitur, u ma jagħtix preżunzjoni tal-konformità fir-rigward ta' dawk il-parametri.
59.	EN 301 681 V2.1.2 Stazzjonijiet u Sistemi Terrestri Satellitari (SES); Standard Armonizzat għal Stazzjonijiet Terrestri Mobbli (MES) ta' sistemi satellitari Ġeostazzjonarji mobbli, inkluż stazzjonijiet terrestri li jinżammu fl-idejn, għal Networks tal-Komunikazzjoni Personali bis-Satellita (S-PCN) taħt is-Servizz ta' Mobbli permezz tas-Satellita (MSS), li jopera fil-baned ta' frekwenzi t 1,5 GHz u 1,6 GHz u li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
60.	EN 301 721 V2.1.1 Stazzjonijiet u Sistemi Terrestri Satellitari (SES); Standard Armonizzat għal Stazzjonijiet Terrestri Mobbli (MES) li jipprovdu Komunikazzjonijiet tad-Data b'Rata tal-Bit Baxxa (LBRDC) bl-użu ta' satelliti f'Orbita Dinjija Baxxa (LEO) li joperaw fil-banda ta' frekwenzi taħt 1 GHz, li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
61.	EN 301 783 V2.1.1 Tagħmir tar-radju tad-dilettanti aċċessibbli kummerċjalment; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
62.	EN 301 839 V2.1.1 Impjantazzjonijiet Mediċi Attivi b'Potenza Ultrabaxxa (ULP-AMI) u apparati Periferali assoċjati (ULP-AMI-P) li joperaw fil-medda ta' frekwenzi minn 402 MHz sa 405 MHz; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE

63.	EN 301 841-3 V2.1.1 Konnessjoni Diġitali bil-VHF bejn l-ajru u l-art (VDL) Modalità 2; Karatteristiċi tekniċi u metodi ta' kejl għal tagħmir ibbażat fuq l-art; Parti 3: Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
64.	EN 301 842-5 V2.1.1 Tagħmir tar-radju b'Konnessjoni Diġitali bil-VHF bejn l-ajru u l-art (VDL) Modalità 4; Karatteristiċi tekniċi u metodi ta' kejl għal tagħmir ibbażat fuq l-art; Parti 5: Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
65.	EN 301 893 V2.1.1 5 GHz RLAN; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
66.	EN 301 908-1 V15.1.1 Networks ċellulari IMT; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju; Parti 1: Introduzzjoni u rekwiżiti komuni Rilaxx 15 Avviż: Il-konformità ma' dan l-istandard armonizzat ma għandhiex tagħti preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit essenzjali stabbilit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE jekk tiġi applikata n-nota 3 tal-klawżola 5.3.2.1 ta' dan l-istandard.
67.	EN 301 908-10 V4.3.1 Networks ċellulari IMT; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju; Parti 10: Stazzjonijiet Bażi (BS), Ripetituri u Tagħmir ta' Utenti (UE) għal networks ċellulari tat-Tielet Ġenerazzjoni IMT-2000
68.	EN 301 908-11 V11.1.2 Networks ċellulari IMT; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE; Parti 11: CDMA Firxa Diretta (UTRA FDD) Ripetituri
69.	EN 301 908-12 V7.1.1 Networks ċellulari IMT; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE; Parti 12: Tixrid Dirett CDMA (cdma2000) Ripetituri
70.	EN 301 908-13 V13.2.1 Networks ċellulari IMT; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju; Parti 13: Tagħmir għall-Utenti (UE) b'Aċċess bir-Radju Terrestri Universali Evolut (E-UTRA) Avviż: Il-konformità ma' dan l-istandard armonizzat ma tagħtix preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit essenzjali stabbilit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE jekk, billi tiġi applikata l-klawżola 4.2.2 ta' dan l-istandard armonizzat, jiġu applikati t-tolleranzi akbar minn 2 dB.
71.	EN 301 908-14 V15.1.1 Networks ċellulari IMT; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju; Parti 14: Stazzjonijiet Bażi (BS) tal-Aċċess bir-Radju Terrestri Universali Evolut (E-UTRA) Rilaxx 15
72.	EN 301 908-15 V15.1.1 Networks ċellulari IMT; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju; Parti 15: Ripetituri tal-Aċċess bir-Radju Terrestri Universali Evolut (E-UTRA FDD)

73.	EN 301 908-18 V15.1.1 Networks ċellulari IMT; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju; Parti 18: Stazzjon Bażi (BS) tar-Radju Multi Standard (MSR) E-UTRA, UTRA u GSM/EDGE Rilaxx 15
74.	EN 301 908-19 V6.3.1 Networks ċellulari IMT; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE; Parti 19: OFDMA TDD WMAN (Mobile WiMAX™) TDD Tagħmir għall-Utenti (UE)
75.	EN 301 908-2 V13.1.1 Networks ċellulari IMT; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju; Parti 2: Tagħmir għall-Utenti (UE) CDMA b'Firxa Diretta (UTRA FDD)
76.	EN 301 908-20 V6.3.1 Networks ċellulari IMT; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE; Parti 20: OFDMA TDD WMAN (Mobile WiMAX™) TDD Stazzjonijiet Bażi (BS)
77.	EN 301 908-21 V6.1.1 Networks ċellulari IMT; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE; Parti 21: OFDMA TDD WMAN (Mobile WiMAX™) FDD Tagħmir għall-Utenti (UE)
78.	EN 301 908-22 V6.1.1 Networks ċellulari IMT; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE; Parti 22: OFDMA TDD WMAN (Mobile WiMAX™) FDD Stazzjonijiet Bażi (BS)
79.	EN 301 908-3 V13.1.1 Networks ċellulari IMT; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju; Parti 3: Stazzjonijiet Bażi (BS) (UTRA FDD) b'Firxa Diretta CDMA
80.	EN 301 929 V2.1.1 Trażmetturi u riċevitori VHF bħala Stazzjonijiet tal-Kosta għall-GMDSS u applikazzjonijiet oħra fis-servizz marittimu mobbli; Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
81.	EN 302 017 V2.1.1 Tagħmir tat-trażmissjoni għal servizz ta' xandir bil-ħoss b'Amplitudni Modulata (AM); Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
82.	EN 302 018 V2.1.1 Tagħmir tat-trażmissjoni għal servizz ta' xandir bil-ħoss bi Frekwenza Modulata (FM); Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE
83.	EN 302 054 V2.2.1 Għajnuniet Meteoroloġiċi (Met AIDS); Radjusondi għall-użu fil-medda ta' frekwenzi minn 400,15 MHz sa 406 MHz b'livelli ta' potenza li jtilgħu sa 200 mW; Standard Armonizzat għall-aċċess għall-ispettru tar-radju
84.	EN 302 064-2 V1.1.1 Kompatibbiltà elettromanjetika u Materji tal-Ispettru tar-Radju (ERM); Konnessjonijiet bil-Vidjo Mingħajr Fili (WVL) li joperaw fil-banda ta' frekwenzi minn 1,3 GHz sa 50 GHz; Parti 2: EN armonizzat skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva R&TTE Avviż: Dan l-istandard armonizzat ma jindirizzax ir-rekwiżiti relatati mal-parametri tal-prestazzjoni tar-riċevitur, u ma jagħtix preżunzjoni tal-konformità fir-rigward ta' dawk il-parametri.

85.	EN 302 065-1 V2.1.1 Apparati ta' Medda Qasira (SRD) li jużaw teknoloġija Ultra Wide Band (UWB); Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE; Parti 1: Rekwiżiti għal Applikazzjonijiet ġeneriċi UWB
86.	EN 302 065-2 V2.1.1 Apparati ta' Medda Qasira (SRD) li jużaw teknoloġija Ultra Wide Band (UWB); Standard Armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/53/UE; Parti 2: Rekwiżiti għal trekkjar tal-pożizzjoni UWB
